II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/327

tal-25 ta' Frar 2022

li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/512/PESK[1].

(2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24 u l-25 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill Ewropew appella lir-Russja biex tassumi bis-sħiħ ir-responsabbiltà tagħha fl-iżgurar tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehimiet ta' Minsk bħala l-kondizzjoni ewlenija għal kwalunkwe bidla sostanzjali fil-pożizzjoni tal-Unjoni. Huwa enfasizza l-ħtieġa għal rispons sod u koordinat mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għal kwalunkwe attività malizzjuża, illegali u ta' tfixkil mir-Russja, bl-użu sħiħ tal-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tal-Unjoni, u l-iżgurar ta' koordinazzjoni mas-sħab. Għal dak il-għan, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") biex jippreżentaw opzjonijiet għal miżuri restrittivi addizzjonali, inkluż sanzjonijiet ekonomiċi.

(3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2021, il-Kunsill Ewropew enfasizza l-ħtieġa urġenti li r-Russja tnaqqas it-tensjoni kkawżata miż-żieda fil-preżenza militari tul il-fruntiera tagħha mal-Ukrajna u r-retorika aggressiva tagħha. Huwa tenna l-appoġġ sħiħ tiegħu għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Filwaqt li jinkoraġġixxi sforzi diplomatiċi u jappoġġa l-format tan-Normandija fil-kisba tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehimiet ta' Minsk, il-Kunsill Ewropew iddikjara li kwalunkwe aggressjoni militari ulterjuri kontra l-Ukrajna jkollha konsegwenzi enormi u gravi bħala rispons, inkluż miżuri restrittivi koordinati mas-sħab.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

(4) Fl-24 ta' Jannar 2022, il-Kunsill approva konklużjonijiet li fihom ikkundanna l-azzjonijiet aggressivi u t-theddid kontinwi tar-Russja kontra l-Ukrajna, u appella lir-Russja biex tnaqqas it-tensjoni, tirrispetta d-dritt internazzjonali u timpenja ruħha b'mod kostruttiv fi djalogu permezz tal-mekkaniżmi internazzjonali stabbiliti. Il-Kunsill affermа mill-ġdid l-impenn sħiħ tal-Unjoni għall-prinċipji ewlenin li fuqhom hija mibnija s-sigurtà Ewropea, minquxa fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) u d-dokumenti kostituttivi tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, inkluż l-Att Finali ta' Ħelsinki u l-Karta ta' Pariġi. Dawn il-prinċipji fundamentali jinkludu, b'mod partikolari, l-ugwaljanza sovrana u l-integrità territorjali tal-Istati, l-invjolabbiltà tal-fruntieri, l-astensjoni mit-theddida jew l-użu tal-forza, u l-libertà tal-Istati li jagħżlu jew jibdlu l-arranġamenti tas-sigurtà tagħhom stess. Il-Kunsill iddikjara li dawk il-prinċipji la huma negozjabbli u lanqas soġġetti għal reviżjoni jew interpretazzjoni mill-ġdid u li l-ksur tagħhom mir-Russja huwa ostaklu għal spazju ta' sigurtà komuni u indiviżibbli fl-Ewropa u jhedded il-paċi u l-istabbiltà fil-kontinent Ewropew. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2021, il-Kunsill tenna li kwalunkwe aggressjoni militari ulterjuri mir-Russja kontra l-Ukrajna jkollha konsegwenzi enormi u kost kbir, inkluż firxa wiesgħa ta' miżuri restrittivi settorjali u individwali li jiġu adottati f'koordinazzjoni mas-sħab.

(5) Fid-19 ta' Frar 2022, ir-Rappreżentant Għoli ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni li tesprimi tħassib dwar l-akkumulazzjoni massiva tal-forzi armati Russi fl-Ukrajna u madwarha, u ħeġġet lir-Russja biex tinvolvi ruħha fi djalogu sinifikattiv u diplomazija, iżżomm lura u tnaqqas it-tensjoni billi tirtira sostanzjalment il-forzi militari mill-viċinanza tal-fruntieri tal-Ukrajna.

(6) Fil-21 ta' Frar 2022, il-President tal-Federazzjoni Russa ffirma digriet li jirrikonoxxi l-"indipendenza u s-sovranità" taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tar-reġjuni tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk, u ordna lill-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni.

(7) Fit-22 ta' Frar 2022, ir-Rappreżentant Għoli ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni li tikkundanna dak l-att illegali, li jkompli jdgħajjef is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u huwa ksur serju tad-dritt internazzjonali u tal-ftehimiet internazzjonali, inkluż il-Karta tan-NU, l-Att Finali ta' Ħelsinki, il-Karta ta' Pariġi u l-Memorandum ta' Budapest, kif ukoll tal-Ftehimiet ta' Minsk u tar-Riżoluzzjoni 2202 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Ir-Rappreżentant Għoli ħeġġeġ lir-Russja, bħala parti fil-konflitt, biex treġġa' lura dak ir-rikonoxximent, tonora l-impenji tagħha, tirrispetta d-dritt internazzjonali u terġa' lura għad-diskussjonijiet fil-format tan-Normandija u l-Grupp ta' Kuntatt Trilaterali. Huwa ħabbar li l-Unjoni ser twieġeb għal dan l-aħħar ksur mir-Russja billi tadotta miżuri restrittivi addizzjonali b'urġenza.

(8) Fl-24 ta' Frar 2022, il-President tal-Federazzjoni Russa ħabbar operazzjoni militari fl-Ukrajna u l-forzi armati Russi bdew attakk fuq l-Ukrajna. Dak l-attakk huwa ksur sfaċċat tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.

(9) Fl-24 ta' Frar 2022, ir-Rappreżentant Għoli ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni li tikkundanna bl-aktar termini ħorox possibbli l-invażjoni mhux provokata tal-Ukranja mill-forzi armati tal-Federazzjoni Russa u l-involviment tal-Belarussja fl-agressjoni kontra l-Ukranja. Ir-Rappreżentant Għoli indika li r-risposta tal-Unjoni ser tinkludi miżuri restrittivi kemm settorjali kif ukoll individwali.

(10) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, u b'risposta tal-azzjonijiet tar-Russja li jistabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukranja, huwa xieraq li jiddaħħlu aktar miżuri restrittivi relatati mas-setturi tal-finanzi, tad-difiża, tal-enerġija, tal-avjazzjoni u tal-ispazju.

(11) Ir-restrizzjonijiet finanzjarji attwali, b'mod partikolari dawk dwar l-aċċess għas-swieq kapitali minn ċertu entitajiet Russi ser jiġu estiżi. L-elenkar u l-forniment ta' servizzi fir-rigward ta' ishma ta' entitajiet statali Russi f'ċentri tan-negozjar tal-Unjoni għandu jiġi pprojbit ukoll. Huwa meħtieġ ukoll li jiddaħħlu miżuri ġodda li jillimitaw b'mod sinifikanti l-influssi finanzjarji mir-Russja lejn l-Unjoni billi tiġi pprojbita l-aċċettazzjoni ta' depożiti li jaqbżu ċertu valuri mingħand nazzjonali jew residenti Russi, iż-żamma ta' kontijiet ta' klijenti Russi mid-depożitarji ċentrali tat-titoli tal-Unjoni kif ukoll il-bejgħ ta' titoli ddenominati f'euro lil klijenti Russi.

(12) Barra minn hekk, huwa xieraq li jiġu imposti aktar restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet ta' prodotti u teknoloġija b'użu doppju u fuq il-forniment ta' servizzi relatati, kif ukoll restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet ta' ċerti prodotti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ teknoloġiku tar-Russja fis-settur tad-difiża u tas-sigurtà tagħha, flimkien ma' restrizzjonijiet fuq il-forniment ta' servizzi relatati. Huma previsti eżenzjonijiet limitati fir-rigward ta' tali restrizzjonijiet għal finijiet leġittimi u predeterminati biss.

(13) Huwa xieraq ukoll li jiġu imposti restrizzjonijiet fuq il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni lejn ir-Russja ta' prodotti u teknoloġiji speċifiċi għall-użu fir-raffinar taż-żejt, flimkien ma' restrizzjonijiet fuq il-forniment ta' servizzi relatati.

(14) Barra minn hekk, huwa xieraq li tiddaħħal projbizzjoni fuq l-esportazzjoni li tkopri prodotti u teknoloġija adattati għall-użu fl-avjazzjoni u fl-industrija spazjali, kif ukoll jiġi pprojbit il-forniment ta' servizzi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni u ta' manutenzjoni fir-rigward ta' dawk il-prodotti u t-teknoloġija. Jenħtieġ li jiġi pprojbit ukoll il-forniment ta' assistenza teknika u servizzi relatati oħra kif ukoll il-finanzjament u l-assistenza finanzjarja fir-rigward tal-prodotti u t-teknoloġija soġġetti għal din il-projbizzjoni.

(15) Tenħtieġ aktar azzjoni mill-Unjoni biex ċerti miżuri jiġu implimentati.

(16) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/512/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/512/PESK hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

1. Għandu jkun ipprojbit li direttament jew indirettament jinxtraw, jinbiegħu, jiġu pprovduti servizzi ta' investiment jew assistenza fil-ħruġ ta' bonds, ekwità jew strumenti finanzjarji simili, jew kull negozjar ieħor fihom, b'maturità li taqbeż id-90 jum, maħruġa wara l-1 ta' Awwissu 2014 sat-12 ta' Settembru 2014, jew b'maturità li taqbeż it-30 jum, maħruġa wara t-12 ta' Settembru 2014 sat-12 ta' April 2022 jew kwalunkwe titoli trasferibbli u strumenti tas-suq tal-flus maħruġa wara t-12 ta' April 2022 minn:

(a) istituzzjonijiet ta' kreditu jew istituzzjonijiet tal-iżvilupp finanzjarju ewlenin stabbiliti fir-Russja b'aktar minn 50 % sjieda pubblika jew kontroll pubbliku mill-1 ta' Awwissu 2014, kif elenkati fl-Anness I;

(b) kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit barra mill-Unjoni li aktar minn 50 % minnhom huma proprjetà ta' entità elenkata fl-Anness I; jew

(c) kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li jaġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' entità fil-kategorija msemmija fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu jew elenkata fl-Anness I.

2. Għandu jkun ipprojbit li direttament jew indirettament, jinxtraw, jinbiegħu, jiġu pprovduti servizzi ta' investiment jew assistenza fil-ħruġ, jew li b'xi mod ieħor jiġu nnegozjati titoli trasferibbli u strumenti tas-suq tal-flus maħruġa wara t-12 ta' April 2022 minn:

(a) kwalunkwe istituzzjoni tal-kreditu ewlenija, jew istituzzjoni oħra b'aktar minn 50 % sjieda jew kontroll pubbliku mis-26 ta' Frar 2022 jew kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu oħra li jkollha rwol sinifikanti fl-appoġġ tal-attivitajiet tar-Russja u l-Gvern tagħha u tal-Bank Ċentrali Russu u stabbilita fir-Russja, kif elenkat fl-Anness V;

(b) persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit barra mill-Unjoni li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom huma direttament jew indirettament proprjetà ta' entità elenkata fl-Anness V; jew

(c) persuna ġuridika, entità jew korp li jaġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' entità msemmija fil-punt (a) jew (b) ta' dan il-paragrafu.

3. Għandu jkun ipprojbit li direttament jew indirettament jinxtraw, jinbiegħu, jiġu pprovduti servizzi ta' investiment jew assistenza fil-ħruġ ta', jew li b'xi mod ieħor jiġu nnegozjati titoli trasferibbli u strumenti tas-suq tal-flus b'maturità li taqbeż it-30 jum, maħruġa wara t-12 ta' Settembru 2014 sat-12 ta' April 2022 jew kwalunkwe titolu trasferibbli u strument tas-suq tal-flus maħruġa wara t-12 ta' April 2022 minn:

(a) persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fir-Russja, kif elenkati fl-Anness II, impenjati b'mod predominanti u b'attivitajiet maġġuri fil-ħolqien, il-produzzjoni, il-bejgħ jew l-esportazzjoni ta' tagħmir jew servizzi militari, ħlief persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi attivi fis-setturi tal-ispazju u tal-enerġija nukleari;

(b) persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fir-Russja, li huma kkontrollati pubblikament jew b'aktar minn 50 % sjieda pubblika u li jkollhom assi totali stmati ta' aktar minn RUB 1 triljun u li d-dħul stmat tagħhom joriġina għal mill-inqas 50 % mill-bejgħ jew it-trasport ta' żejt mhux maħdum jew prodotti petroliferi, kif elenkati fl-Anness III;

(c) persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti barra mill-Unjoni li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom huma direttament jew indirettament proprjetà ta' entità elenkata fil-punti (a) jew (b) ta' dan il-paragrafu; jew

(d) persuna ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' entità msemmija fil-punt (a), (b) jew (c) ta' dan il-paragrafu.

4. Għandu jkun ipprojbit li direttament jew indirettament jinxtraw, jinbiegħu, jiġu pprovduti servizzi ta' investiment jew assistenza fil-ħruġ ta' titoli trasferibbli u strumenti tas-suq tal-flus, maħruġa wara t-12 ta' April 2022 minn:

(a) persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fir-Russja, li huma kkontrollati pubblikament jew b'aktar minn 50 % sjieda pubblika u li fihom ir-Russja, il-Gvern jew il-Bank Ċentrali tagħha għandhom id-dritt li jipparteċipaw fi profitti jew li magħhom ir-Russja, il-Gvern jew il-Bank Ċentrali tagħha għandhom relazzjonijiet ekonomiċi sostanzjali oħra; kif elenkat fl-Anness VI;

(b) persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti barra mill-Unjoni li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom huma direttament jew indirettament proprjetà ta' entità elenkata fl-Anness VI; jew

(c) persuna ġuridika, entità jew korp li jaġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' entità msemmija fil-punt (a) jew (b) ta' dan il-paragrafu.

5. Għandu jkun ipprojbit li jiġu elenkati u pprovduti servizzi mit-12 ta' April 2022 f'ċentri tan-negozjar irreġistrati jew rikonoxxuti fl-Unjoni għat-titoli trasferibbli ta' kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fir-Russja u b'aktar minn 50 % sjieda pubblika.

6. Għandu jkun ipprojbit li direttament jew indirettament issir jew tkun parti minn kwalunkwe arranġament li jsir:

(i) self jew kreditu ġdid b'maturità li taqbeż it-30 jum lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1 jew 3, wara t-12 ta' Settembru 2014 sas-26 ta' Frar 2022; jew

(ii) kwalunkwe self jew kreditu ġdid lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp imsemmi fil-paragrafu 1, 2, 3 jew 4 wara s-26 ta' Frar 2022.

Il-projbizzjoni ma tapplikax għal:

(a) self jew kreditu li għandhom objettiv speċifiku u dokumentat li jipprovdu finanzjament għal importazzjonijiet jew esportazzjonijiet mhux ipprojbiti ta' prodotti u servizzi mhux finanzjarji bejn l-Unjoni u kwalunkwe Stat terz, inkluża n-nefqa għal prodotti u servizzi minn Stat terz ieħor li hija meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-kuntratti ta' esportazzjoni jew importazzjoni; jew

(b) self li jkollu objettiv speċifiku u dokumentat li jipprovdi finanzjament ta' emerġenza biex jissodisfa kriterji ta' solvenza u likwidità għal persuni ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni, li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom ikunu ta' xi entità msemmija fl-Anness I.

7. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 6 ma għandhiex tapplika għal użu ta' kreditu disponibbli jew ħlasijiet magħmulin skont kuntratt konkluż qabel is-26 ta' Frar 2022, dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) it-termini u kundizzjonijiet kollha ta' dan l-użu ta' kreditu jew ta' dawn il-ħlasijiet:

(i) ġew miftiehma qabel is-26 ta' Frar 2022; u

(ii) ma ġewx modifikati f'dik id-data jew warajha; u

(b) qabel is-26 ta' Frar 2022, tkun ġiet iffissata data ta' skadenza kuntrattwali għar-rimborż sħiħ tal-fondi kollha li kienu saru disponibbli u għall-kanċellament tal-impenji, id-drittijiet u l-obbligi kollha taħt il-kuntratt; u

(c) fiż-żmien tal-konklużjoni tiegħu, il-kuntratt ma kienx jikser il-projbizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

It-termini u l-kondizzjonijiet tal-użu ta' kreditu disponibbli u żborżi msemmijin fil-punt (a) jinkludu dispożizzjonijiet li jikkonċernaw it-tul tal-perijodu tar-rimborż għal kull użu ta' kreditu disponibbli jew żborż, ir-rata ta' imgħax applikata jew il-metodu tal-kalkolu tar-rata ta' imgħax, u l-ammont massimu.";

(2) l-Artikoli li ġejjin jiddaħħlu wara l-Artikolu 1a:

"*Artikolu 1b*

1. Għandu jkun ipprojbit li jiġi aċċettat kwalunkwe depożitu minn nazzjonali Russi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja, jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja, jekk il-valur totali tad-depożiti tal-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp għal kull istituzzjoni ta' kreditu jaqbeż EUR 100.000.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal nazzjonali ta' Stat Membru jew persuni fiżiċi li għandhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal depożiti li huma meħtieġa għal kummerċ transfruntier mhux ipprojbit fi prodotti u servizzi bejn l-Unjoni u r-Russja.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw l-aċċettazzjoni ta' tali depożitu, b'dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-aċċettazzjoni ta' tali depożitu hija:

(a) meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet bażiċi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fil-paragrafu 1 u l-membri tal-familja dipendenti tagħhom, inkluż pagamenti għal ikel, kera jew ipoteka, mediċini u trattament mediku, taxxi, primjums tal-assigurazzjoni, u ħlasijiet ta' servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' tariffi professjonali raġonevoli jew għar-rimborż tal-ispejjeż imġarrba assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;

(c) neċessarji għal spejjeż straordinarji, sakemm l-awtorità kompetenti rilevanti tkun innotifikat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom tqis li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, għall-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni; jew

(d) meħtieġa għal skopijiet uffiċjali ta' missjoni diplomatika jew uffiċċju konsulari jew organizzazzjoni internazzjonali.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li jagħti skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

5. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw l-aċċettazzjoni ta' tali depożitu, b'dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-aċċettazzjoni ta' tali depożitu hija:

(a) meħtieġa għal finijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' assistenza, inklużi provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għal evakwazzjonijiet; jew

(b) meħtieġa għal attivitajiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem jew l-istat tad-dritt fir-Russja.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li jagħti skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 1c

1. Għandu jkun ipprojbit li depożitorji tat-titoli ċentrali tal-Unjoni jipprovdu kwalunkwe servizz kif definit fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* għal titoli trasferibbli maħruġa wara t-12 ta' April 2022 lil kwalunkwe ċittadin Russu jew persuna fiżika li tirrisjedi fir-Russja jew kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fir-Russja.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal persuni fiżiċi li huma nazzjonali ta' Stat Membru jew li għandhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru.

Artikolu 1d

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ ta' titoli trasferibbli denominati f'euro maħruġa wara t-12 ta' April 2022 jew unitajiet f'impriżi ta' investiment kollettiv li jipprovdu skopertura għal tali titoli, lil kwalunkwe nazzjonal Russu jew persuna fiżika li tirrisjedi fir-Russja jew kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fir-Russja.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal nazzjonali ta' Stat Membru jew persuni fiżiċi li għandhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru.

---

* Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1).";

(3) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

1. Il-bejgħ dirett jew indirett, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' prodotti u t-teknoloġija kollha b'użu doppju elenkati fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja minn nazzjonali tal-Istati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri jew li jużaw bastimenti jew ajruplani li jtajru l-bandiera tagħhom, għandu jkun projbit irrispettivament minn jekk joriġinawx fit-territorji tagħhom jew le.

2. Għandu jiġi pprojbit:

(a) li jingħataw għajnuna teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-prodotti jew it-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk il-prodotti u t-teknoloġija, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja;

(b) li jingħataw finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mal-prodotti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk il-prodotti jew it-teknoloġija, jew għall-għoti ta' għajnuna teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika, entità jew korp fir-Russja, jew għall-użu fir-Russja.

3. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni b'konformità mar-Regolament (UE) 2021/821, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju jew għall-forniment relatat ta' assistenza teknika u finanzjarja, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, maħsuba għal:

(a) skopijiet umanitarji, emerġenzi tas-saħħa, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew tal-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali;

(b) skopijiet mediċi jew farmaċewtiċi;

(c) l-esportazzjoni temporanja ta' oġġetti għall-użu mill-media tal-aħbarijiet;

(d) aġġornamenti ta' software;

(e) l-użu bħala apparat ta' komunikazzjoni tal-konsumatur;

(f) l-iżgurar taċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-informazzjoni għal individwi u entitajiet fir-Russja għajr għall-gvern u għall-impriżi tiegħu li huma kkontrollati direttament jew indirettament minn dak il-gvern; jew

(g) l-użu personali mill-persuni fiżiċi li jivvjaġġaw lejn ir-Russja jew membri tal-familji immedjati tagħhom li jivvjaġġaw magħhom, u limitat għal oġġetti personali, oġġetti tad-dar, vetturi jew għodod tal-kummerċ li huma proprjetà ta' dawk l-individwi u mhux maħsuba għall-bejgħ.

Bl-eċċezzjoni tal-punti (f) u (g) ta' dan il-paragrafu, fid-dikjarazzjoni doganali l-esportatur għandu jiddikjara li l-oġġetti qed jiġu esportati skont l-eċċezzjoni rilevanti stabbilita f'dan il-paragrafu u għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' residenza jew ta' stabbiliment tal-esportatur dwar l-ewwel użu tal-eċċezzjoni rilevanti fi żmien 30 jum mid-data meta sseħħ l-ewwel esportazzjoni.

4. Permezz tad-deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, u mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni b'konformità mar-Regolament (UE) 2021/821, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju jew il-forniment ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, wara li jkunu ddeterminaw li tali prodotti jew teknoloġija jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata huma:

(a) maħsuba għall-kooperazzjoni bejn l-UE, il-gvernijiet tal-Istati Membri u l-gvern tar-Russja fi kwistjonijiet purament ċivili;

(b) maħsuba għall-kooperazzjoni intergovernattiva fi programmi spazjali;

(c) maħsuba għat-tħaddim, il-manutenzjoni, it-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;

(d) maħsuba għas-sigurtà marittima;

(e) maħsuba għal networks tat-telekomunikazzjonijiet ċivili, inkluż il-forniment ta' servizzi tal-internet;

(f) maħsuba għall-użu esklużiv ta' entitajiet proprjetà, kontroll esklużiv jew konġunt ta' persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru jew ta' pajjiż sieħeb;

(g) maħsuba għar-rappreżentanzi diplomatiċi tal-Unjoni, tal-Istati Membri u ta' pajjiżi sħab, inklużi delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet.

5. Permezz tad-deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, u mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni b'konformità mar-Regolament (UE) 2021/821, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' prodotti u teknoloġija b'użu doppju jew il-forniment ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, wara li jkunu ddeterminaw li tali prodotti jew teknoloġija jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata jkunu dovuti b'konformità ma' kuntratti konklużi qabel is-26 ta' Frar 2022, jew kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratt, dment li l-awtorizzazzjoni tintalab qabel l-1 ta' Mejju 2022.

6. L-awtorizzazzjonijiet kollha meħtieġa skont dan l-Artikolu għandhom jingħataw mill-awtoritajiet kompetenti skont ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/821, li għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida fl-Unjoni kollha.

7. Meta jkunu qed jiddeċiedu dwar talbiet għall-awtorizzazzjonijiet f'konformità mal-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jagħtu awtorizzazzjoni jekk kemm-il darba jkollhom raġunijiet validi biex jaħsbu li:

   (i) l-utent aħħari jista' jkun utent aħħari militari, persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness IV jew li l-prodotti jista' jkollhom użu aħħari militari: jew

(ii) il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-prodotti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew il-provvista ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata tkun intenzjonata għall-avjazzjoni jew l-industrija spazjali.

8. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jannullaw, jissospendu, jimmodifikaw jew jirrevokaw awtorizzazzjoni li jkunu taw skont il-paragrafi 4 u 5 jekk iqisu li tali annullament, sospensjoni, modifika jew revoka hija meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Deċiżjoni.

9. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-pajjiżi sħab imsemmija f'dan l-Artikolu u fl-Artikoli 3a u 3c.";

---

* Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju (riformulazzjoni) (ĠU L 206, 11.6.2021. p. 1).

(4) L-Artikolu 3a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3a*

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, tal-prodotti u t-teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja, jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u s-sigurtà, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

2. Għandu jiġi pprojbit:

(a) li jingħataw għajnuna teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-prodotti jew it-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk il-prodotti u t-teknoloġija, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja;

(b) li jingħataw finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mal-prodotti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk il-prodotti jew it-teknoloġija, jew għall-għoti ta' għajnuna teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika, entità jew korp fir-Russja, jew għall-użu fir-Russja.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew għall-forniment relatat ta' assistenza teknika u finanzjarja, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, maħsuba għal:

(a) skopijiet umanitarji, emerġenzi tas-saħħa, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew tal-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali;

(b) skopijiet mediċi jew farmaċewtiċi;

(c) l-esportazzjoni temporanja ta' oġġetti għall-użu mill-media tal-aħbarijiet;

(d) aġġornamenti ta' software;

(e) l-użu bħala apparat ta' komunikazzjoni tal-konsumatur;

(f) l-iżgurar taċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-informazzjoni għal persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi fir-Russja għajr għall-gvern u għall-impriżi tiegħu li huma kkontrollati direttament jew indirettament minn dak il-gvern; jew

(g) l-użu personali tal-persuni fiżiċi li jivvjaġġaw lejn ir-Russja jew membri tal-familji immedjati tagħhom li jivvjaġġaw magħhom, u limitat għal oġġetti personali, oġġetti tad-dar, vetturi jew għodod tal-kummerċ li huma proprjetà ta' dawk l-individwi u mhux maħsuba għall-bejgħ.

Bl-eċċezzjoni tal-punti (f) u (g) hawn fuq, fid-dikjarazzjoni doganali l-esportatur għandu jiddikjara li l-oġġetti qed jiġu esportati skont l-eċċezzjoni rilevanti stabbilita f'dan il-paragrafu u għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' residenza jew ta' stabbiliment tal-esportatur dwar l-ewwel użu tal-eċċezzjoni rilevanti fi żmien 30 jum mid-data meta sseħħ l-ewwel esportazzjoni.

4. Permezz tad-deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' prodotti u teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew il-forniment ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, wara li jiddeterminaw li tali prodotti jew teknoloġija jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata huma:

(a) maħsuba għall-kooperazzjoni bejn l-UE, il-gvernijiet tal-Istati Membri u l-gvern tar-Russja fi kwistjonijiet purament ċivili;

(b) maħsuba għall-kooperazzjoni intergovernattiva fi programmi spazjali;

(c) maħsuba għat-tħaddim, il-manutenzjoni, it-trattament mill-ġdid tal-fjuwil u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;

(d) maħsuba għas-sigurtà marittima;

(e) maħsuba għal networks tat-telekomunikazzjoni ċivili, inkluż il-forniment tas-servizz tal-internet;

(f) maħsuba għall-użu esklużiv ta' entitajiet proprjetà, kontroll esklużiv jew konġunt ta' persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru jew ta' pajjiż sieħeb; jew

(g) maħsuba għar-rappreżentanzi diplomatiċi tal-Unjoni, tal-Istati Membri u ta' pajjiżi sħab, inklużi delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet.

5. Permezz tad-deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' prodotti u teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew il-forniment ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, wara li jkunu ddeterminaw li tali prodotti jew teknoloġija jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata jkunu dovuti b'konformità ma' kuntratti konklużi qabel is-26 ta' Frar 2022, jew kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratt, dment li l-awtorizzazzjoni tintalab qabel l-1 ta' Mejju 2022.

6. L-awtorizzazzjonijiet kollha meħtieġa skont dan l-Artikolu għandhom jingħataw mill-awtoritajiet kompetenti skont ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/821, li għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida fl-Unjoni kollha.

7. Meta jkunu qed jiddeċiedu dwar talbiet għall-awtorizzazzjonijiet msemmija fil-paragrafi 4 u 5, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jagħtu awtorizzazzjoni jekk kemm-il darba jkollhom raġunijiet validi biex jaħsbu li:

   (i) l-utent aħħari jista' jkun utent aħħari militari, persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness IV jew li l-prodotti jista' jkollhom użu aħħari militari: jew

   (ii) il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-prodotti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew il-provvista ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata tkun intenzjonata għall-avjazzjoni jew l-industrija spazjali.

8. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jannullaw, jissospendu, jimmodifikaw jew jirrevokaw awtorizzazzjoni, li jkunu taw skont il-paragrafi 4 u 5 jekk iqisu li tali annullament, sospensjoni, modifika jew revoka hija meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Deċiżjoni.

9. Il-pajjiżi sħab kif imsemmija f'dan l-Artikolu u fil-punti (f) u (g) tal-Artikolu 3a(4), u li japplikaw miżuri restrittivi sostanzjalment ekwivalenti, huma inklużi fl-Anness VII.

(5) l-Artikolu li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 3a:

"Artikolu 3b

1. Fir-rigward tal-entitajiet elenkati fl-Anness IV, permezz ta' deroga mill-Artikoli 3 u 3a, u mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni b'konformità mar-Regolament (UE) 2021/821, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw biss il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' prodotti u teknoloġija b'użu doppju u l-prodotti u teknoloġija imsemmijin fl-Artikolu 3a, jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata wara li jkunu ddeterminaw:

   (a) li tali prodotti jew teknoloġija jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata jkunu meħtieġa għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li probabbilment ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent; jew

   (b) li tali prodotti jew teknoloġija jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata jkunu dovuti skont kuntratti konklużi qabel is-26 ta' Frar 2022, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratt, dment li l-awtorizzazzjoni tintalab qabel l-1 ta' Mejju 2022.

2. L-awtorizzazzjonijiet kollha meħtieġa skont dan l-Artikolu għandhom jingħataw mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mar-regoli u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/821, li għandhom japplikaw mutatis mutandis. L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida fl-Unjoni kollha.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jannullaw, jissospendu, jimmodifikaw jew jirrevokaw awtorizzazzjoni li jkunu taw skont il-paragrafu 1 jekk iqisu li tali annullament, sospensjoni, modifika jew revoka hija meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Deċiżjoni.";

(6) l-Artikoli li ġejjin jiddaħħlu wara l-Artikolu 4a:

"Artikolu 4b

1. Għandu jkun ipprojbit li jingħataw finanzjament pubbliku jew assistenza finanzjarja għall-kummerċ jew għall-investiment fir-Russja.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal:

(a) impenji vinkolanti ta' finanzjament jew ta' assistenza finanzjarja stabbiliti qabel is-26 ta' Frar 2022;

(b) forniment ta' finanzjament pubbliku jew assistenza finanzjarja sal-valur totali ta' EUR 10 000 000 għal kull proġett lil impriżi żgħar u medji stabbiliti fl-Unjoni; jew

(c) forniment ta' finanzjament pubbliku jew assistenza finanzjarja għall-kummerċ tal-ikel, u għal skopijiet agrikoli mediċi jew umanitarji.

Artikolu 4c

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' prodotti u teknoloġija adattati għall-użu fir-raffinar taż-żejt, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

2. Għandu jiġi pprojbit li:

(a) jingħataw għajnuna teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-prodotti jew it-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk il-prodotti u t-teknoloġija, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja;

(b) jingħata finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-prodotti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk il-prodotti u t-teknoloġija, jew għall-għoti ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni sas-27 ta' Mejju 2022 ta' kuntratti konklużi qabel is-26 ta' Frar 2022, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

4. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' prodotti u teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li tali prodotti jew teknoloġija jew il-forniment ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata huma meħtieġa għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent.

F'każijiet debitament ġustifikati ta' emerġenza, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni jistgħu jipproċedu mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel sakemm l-esportatur jinnotifika lill-awtorità kompetenti fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol wara li jkunu saru l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, filwaqt li jagħti dettalji dwar il-ġustifikazzjoni rilevanti għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel.

5. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti minn dan l-Artikolu.

Artikolu 4d

1. Għandu jiġi pprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, diretta jew indiretta, tal-prodotti u t-teknoloġija adattati għall-użu fl-avjazzjoni jew fl-industrija spazjali, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp Russu jew għall-użu fir-Russja.

2. Għandu jkun ipprojbit il-forniment ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni, direttament jew indirettament, fir-rigward ta' prodotti u teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

3. Għandu jkun ipprojbit il-forniment ta' kwalunkwe waħda mill-attivitajiet li ġejjin jew kombinazzjoni tagħhom: reviżjoni, tiswija, spezzjoni, sostituzzjoni, modifika jew rettifika ta' difett ta' inġenju tal-ajru jew komponent, bl-eċċezzjoni ta' spezzjoni ta' qabel it-titjira, fir-rigward tal-prodotti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

4. Għandu jiġi pprojbit li:

(a) jingħataw għajnuna teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-prodotti jew it-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk il-prodotti u t-teknoloġija, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja;

(b) jingħataw finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mal-prodotti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk il-prodotti jew it-teknoloġija, jew għall-għoti ta' għajnuna teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika, entità jew korp fir-Russja, jew għall-użu fir-Russja.

5. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 m'għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sat-28 ta' Marzu 2022 ta' kuntratti konklużi qabel is-26 ta' Frar 2022, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

6. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti minn dan l-Artikolu.";

(7) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 7

1. L-ebda pretensjoni b'konnessjoni ma' kwalunkwe kuntratt jew tranżazzjoni, li l-prestazzjoni tagħhom tkun ġiet affettwata, direttament jew indirettament, totalment jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont din id-Deċiżjoni, inkluż pretensjonijiet għal indennizz jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni għal kumpens jew pretensjoni taħt garanzija, b'mod partikolari pretensjoni għal estensjoni jew għall-ħlas ta' bond, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarju, ta' kwalunkwe għamla, ma għandha tiġi ssodisfata, jekk dawn isiru minn:

   (a) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I, II, III, IV, V jew VI, jew imsemmija fil-punt (b) jew (c) tal-Artikolu 1(1), fil-punt (b), jew (c) tal-Artikolu 1(2), fil-punt (c), jew (d) tal-Artikolu 1(3), fil-punt (b) jew (c) tal-Artikolu 1(4), jew fil-punt (a), (b) jew (c) tal-Artikolu 1a;

   (b) kwalunkwe persuna, entità jew korp Russu ieħor; jew

   (c) kwalunkwe persuna, entità jew korp li jaġixxi permezz ta' jew f'isem waħda mill-persuni, entitajiet jew korpi msemmija fil-punti (a) jew (b) ta' dan il-paragrafu.

2. F'kull proċediment għall-infurzar ta' pretensjoni, l-obbligu biex ikun ippruvat il-fatt li l-ilqugħ tat-talba ma jkunx ipprojbit mill-paragrafu 1 għandu jkun fuq il-persuna li tkun qed titlob l-infurzar ta' dik il-pretensjoni.

3. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi msemmija fil-paragrafu 1 għal stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità li ma jintlaħqux l-obbligi kuntrattwali f'konformità ma' din id-Deċiżjoni.";

(8) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

Għandha tkun ipprojbita l-parteċipazzjoni, konxja jew intenzjonali, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom ikun li jevitaw il-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 1 sa 4d, inkluż billi jaġixxu bħala sostitut għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija f'dawk id-dispożizzjonijiet jew billi jaġixxu għall-benefiċċju tagħhom billi jużaw l-eċċezzjonijiet previsti f'din id-Deċiżjoni.";

(9) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 8a

1. Il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") jistgħu jipproċessaw data personali sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom skont din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari għat-tħejjija u l-emendar ta' din id-Deċiżjoni u l-Annessi tagħha.

2. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli huma ddeżinjati bħala "kontrolluri" skont it-tifsira tal-Artikolu 3(8) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, fir-rigward tal-attivitajiet ta' pproċessar meħtieġa biex jitwettqu l-kompiti msemmija fil-paragrafu 1."

---

* Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).;

(10) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 9

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika l-31 ta' Lulju 2022.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt reviżjoni kostanti. Hija għandha tiġi mġedda, jew emendata kif xieraq, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma ntlaħqux.

(11) l-Annessi huma emendati kif stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Frar 2022.

Għall-Kunsill
Il-President

J. BORRELL FONTELLES

ANNESS

(1) It-titolu tal-Anness I għad-Deċiżjoni 2014/512/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS I*

Lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 1(1)(a)".

(2) It-titolu tal-Anness II għad-Deċiżjoni 2014/512/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS II*

Lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 1(3)(a)".

(3) It-titolu tal-Anness III għad-Deċiżjoni 2014/512/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS III*

Lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 1(3)(b)".

(4) L-Anness IV għad-Deċiżjoni 2014/512/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS IV*

Lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 3(7), 3a(7) u 3b(1)

JSC Sirius

OJSC Stankoinstrument

OAO JSC Chemcomposite

JSC Kalashnikov

JSC Tula Arms Plant

NPK Technologii Maschinostrojenija

OAO Wysokototschnye Kompleksi

OAO Almaz Antey

OAO NPO Bazalt

Admiralty Shipyard JSC

Aleksandrov Scientific Research Technological Institute NITI

Argut OOO

Communication center of the Ministry of Defense

Federal Research Center Boreskov Institute of Catalysis

Federal State Budgetary Enterprise of the Administration of the President of Russia

Federal State Budgetary Enterprise Special Flight Unit Rossiya of the Administration of the President of Russia

Federal State Unitary Enterprise Dukhov Automatics Research Institute (VNIIA)

Foreign Intelligence Service (SVR)

Forensic Center of Nizhniy Novgorod Region Main Directorate of the Ministry of Interior Affairs

International Center for Quantum Optics and Quantum Technologies (the Russian Quantum Center)

Irkut Corporation

Irkut Research and Production Corporation Public Joint Stock Company

Joint Stock Company Scientific Research Institute of Computing Machinery

JSC Central Research Institute of Machine Building (JSC TsNIIMash)

JSC Kazan Helicopter Plant Repair Service

JSC Shipyard Zaliv (Zaliv Shipbuilding yard)

JSC Rocket and Space Centre – Progress

Kamensk-Uralsky Metallurgical Works J.S. Co.

Kazan Helicopter Plant PJSC

Komsomolsk-na-Amur Aviation Production Organization (KNAAPO)

Ministry of Defence RF

Moscow Institute of Physics and Technology

NPO High Precision Systems JSC

NPO Splav JSC

OPK Oboronprom

PJSC Beriev Aircraft Company

PJSC Irkut Corporation

PJSC Kazan Helicopters

POLYUS Research Institute of M.F. Stelmakh Joint Stock Company

Promtech-Dubna, JSC

Public Joint Stock Company United Aircraft Corporation

Radiotechnical and Information Systems (RTI) Concern

Rapart Services LLC; Rosoboronexport OJSC (ROE)

Rostec (Russian Technologies State Corporation)

Rostekh – Azimuth

Russian Aircraft Corporation MiG

Russian Helicopters JSC

SP KVANT (Sovmestnoe Predpriyatie Kvantovye Tekhnologii)

Sukhoi Aviation JSC

Sukhoi Civil Aircraft

Tactical Missiles Corporation JSC

Tupolev JSC

UEC-Saturn

United Aircraft Corporation

JSC AeroKompozit

United Engine Corporation

UEC-Aviadvigatel JSC

United Instrument Manufacturing Corporation

United Shipbuilding Corporation

JSC PO Sevmash

Krasnoye Sormovo Shipyard

Severnaya Shipyard

Shipyard Yantar

UralVagonZavod".

(5) Jiżdiedu l-Anness li ġejjin:

"*ANNESS V*

Lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 1(2)(a)

Alfa Bank

Bank Otkritie

Bank Rossiya

Promsvyazbank

ANNESS VI

Lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 1(4)(a)

Almaz-Antey

Kamaz

Novorossiysk Commercial Sea Port

Rostec (Russian Technologies State Corporation)

Russian Railways

JSC PO Sevmash

Sovcomflot

United Shipbuilding Corporation".

ANNESS VII

Lista ta' pajjiżi sħab imsemmija fl-Artikolu 3(9)

L-ISTATI UNITI TAL-AMERIKA'.